MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 453/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT DOMENIC MICALLEF**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**JOSEPHINE ATTARD ta’ 31 sena, bint il-mejjet John u Maria nee’ Formosa, imwielda Tal-Pieta’ nhar il-11 ta’ Mejju, 1981, residenti fil-fond numru 6, Triq il-Foss, Birgu, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 255981M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Josephine Attard** li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-30 ta’ Lulju, 2001, ghall-habta ta’ 8.00pm, fl-inhawi ta’ Anici Street, Hal-Qormi, dolozament bil-hsieb li toqtol lil Chris Polidano detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 269679M u lil Rosalinda Mallia 519166M, jew li tqieghed il-hajja ta’ dawn iz-zewg persuni f’periklu car, uriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tal-hati;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, wettqet feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Chris Polidano u Rosalinda Mallia, liema feriti twettqu b’arma regolari skond kif iccertifikat mit-Tabib Dr Michael Spiteri MD;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, kellha fil-pussess taghhom u garret arma tan-nar u munizzjon barra minn xi fond jew f’post li jaghmel mieghu;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, sparat arma tan-nar f’post pubbliku jew f’post li ghandu access ghall-pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garret jew kellha fil-pussess taghha; jew uzat, imporat jew immanifatturat xi skratac ikkargati b’xi comb;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, fil-hin li ghamlet delitt kontra Christopher Polidano u Rosalinda Mallia, kellha fil-pussess taghha arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

7. U aktar talli giet fil-pussess ta’ arma tan-nar u naqset li tavza lill-Kummissarju tal-Pulizija;

8. U aktar talli volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ hsara fuq vettura tal-ghamla Hyundai Pony, numru tar-registrazzjoni KAL209 proprjeta’ ta’ George Mallia

minn Hal-Qormi, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn hamsin lira u anqas minn hames mitt lira.

Rat li moqrija dawn l-akkuzi, fl-interrogatorju wiegbet illi ma kinitx hatja ta’ l-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:
a. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 22, 23, 17(b), u 30 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26, u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll li moqrija l-istess, l-imputata wiegbet illi ma kellha ebda oggezzjoni li l-kawza taghha tigi deciza minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Qieset ukoll illi fil-mori ta’ l-istess miet il-ko-imputat Spiridione D’Amato, li tieghu gie ezebit certifikat mediku. In kwantu hekk, fil-konfront tieghu din il-Qorti ddikjarat il-procediment bhala wiehed ezawrit. In vista’ ta’ hekk, din id-decizjoni hija wahda li tikkoncentra u tirrigwardja biss lil Josephine Attard.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Ikkunsidrat illi d-Difiza ta’ Attard f’tul ta’ zmien twil qatt ma ressqet provi, kien ghalhekk illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza. Ghandu jigi premess ukoll illi ghal tul ta’ zmien l-imputata ma kinitx qieghda tigi notifikata.

Ikkunsidrat:

Illi ta’ dan l-incident in dezamina hawn diversi xhieda okulari.

Ghalhekk Rosalinda Mallia xehdet kif hi u zewgha kienu qed jirritornaw mill-bahar, nizlet ghalhekk mill-karozza u

marret tiftah il-bieb tal-garage. Kif qed tiftah il-bieba ta' wara tal-karozza, semghet sparatura, anzi tnejn. Rat comb jahbat maghha u hasset ugiegh f'koxxitha. Intlaqtet ukoll mit-tieni sparatura f'imnehirha u spallitha. Ikkonfermat illi l-hoss tat-tiri li semghet kien gej minn naha ta' l-ispizerija ta' Hyzler. Innutat ukoll illi meta waslu barra kien hemm Christopher Polidano u ommu Virginia. Ma' l-isparatura rat lil Christopher Polidano jaqa' ma' l-art.

Zewgha George Mallia wkoll xehed li sema' sparatura, zewg tiri x'hin martu kienet nizlet mill-karozza. Xehed illi l-vettura tieghu giet milquta mic-comb, tant illi kellka daqqiet hfief fuq l-spray. Kien ghadu pero ma rrangax l-istess hsarat.

Virginia Polidano minn naha taghha xehdet illi flimkien ma' binha Christopher u shabu kienet qed tghin biex idahhlu d-dghajsa fil-garage. Hemm rat Escort bajda li fiha kienet rat lill-akkuzat akkumpanjat mill-ko-akkuzata. Dan beda jsejjah lil binha Christopher u anke beda jkellmu hazin. Binha Christopher qallha li kien diga' mar ghalih b'senter hdejn l-iskola. Rat il-persuna tas-sess maskili tohrog mill-vettura, li kellu senter u spara. Rat lil binha Christopher jaqa' ma' l-art. Taf li spara zewg tiri. Rikeb il-karozza u saq fid-direzzjoni taghhom.

Carmelo Polidano, missier il-parte leza Christopher, qal illi ibnu barra kien ma' hbiebu Ninu (Wilfred Bezzina), Jurgen, u Michael. Kienu qed jippruvaw biex idahhlu d-dghajsa fil-garage. Kif hareg barra biex izomm tifel ta' sentejn milli ma jaqbixz il-bankina, sema' zewg tiri ta' senter. Ma' l-ewwel tir ra lil ibnu Christopher jigri ma' siehbu 'l hemm. Ra lil Spiru (ic-Cece) jikkarga s-senter. Skond dan ix-xhud ic-Cece dak il-hin fil-karozza kien wahdu. Qabel ma spara, hu ma sema' lic-Cece jghid xejn.

Minn naha tieghu Christopher Polidano xehed illi hu kellu xi litigju ma' Josephine (il-ko-akkuzata) fuq xi bombi zghar li ntefghu fil-pjazza. Qal illi f'dan l-argument kien indahal anke c-Cece. Qal illi aktar tard dan ic-Cece kien rega' rritorna b'senter f'idejh u beda jiccelingja ghall-glied. Beda anke jipponta l-arma lejh. L-arma kienet senter qasir

b'kanna wahda. Telaq. Xehed illi hu u shabu telqu jitimghu l-klieb. X'hin mar lura lejn il-pjazza Spiru beda jghajru pufta. Huma gew fl-idejn.
Qal ukoll illi tela' lejn daru ma' shabu, hemm waqt illi kienu qed idahhlu d-dghajsa fil-garage rega' mar Spiru b'Escort bajda. Hu u l-gharusa tieghu bdew isejhulu. Qal illi x'hin waqqaf il-vettura l-gharusa ta' Cece bdiet tghajjatlu. Qal illi f'daqqa wahda hareg Cece minn gol-vettura b'senter u spara zewg tiri fid-direzzjoni tieghu. Gharaf lill-akkuzata bhala dik l-gharusa tac-Cece. Xehed illi c-Cece sparalu zewg tiri. Xehed ukoll illi hu resaq lejn il-vettura tac-Cece meta l-gharusa tieghu, allura l-akkuzata, bdiet issejjahlu (folio 115). Kien x'hin ic-Cece hareg mill-vettura bis-senter li hu ngibed lura. Zied anke illi wara l-isparatura mar bil-vettura tieghu jfittex lic-Cece ghas-sodisfazzjon.

Jurgen Cassar minn naha tieghu xehed illi meta kien hdejn San Gorg, Hal-Qormi, Spiru gie bis-senter hdejn l-iskola u beda jistieden in-nies ghall-glied. Qal illi hu ma' shabu mar jaghlef il-klieb. Minn hemm, meta regghu ghaddew minn fejn l-iskola, Spiru beda jghajjar lil Chris Polidano. Hemm dawn it-tnejn gew fl-idejn u ferrquhom shab Chris. Minn hemm marru d-dar ta' Chris, qal illi Spiru tela' hdejn id-dar ta' Chris, nizel bis-senter, beda jghajjat lil Chris biex imur hdejh. Minn naha tieghu Chris wiegbu "Jekk trid ejja inti jew dawwar." (folio 125). Spiru nizel, qabad u spara.
Gharaf li mieghu kien hemm il-ko-akkuzata Josephine. Ikkonferma li Spiru u Josephine meta waqfu bil-karozza hdejn id-dar ta' Chris, it-tnejn bdew jghajtu lil Chris. Ikkonferma li Chris spara zewg tiri u Chris intlaqat f'siequ.

Wilfred Bezzina minn naha tieghu kkonferma wkoll illi kien hdejn l-iskola ta' Hal-Qormi flimkien ma' Chris u Jurgen, u avvicinathom Josephine (il-ko-akkuzata) li bdiet tilletika ma' Chris. Qal illi mbaghad Spiru mar bis-senter hdejn l-iskola u beda jghajjat u jiccalingja lin-nies. Marru jghalfu l-klieb u wara regghu marru hdejn l-iskola, u Chris u Spiru lletikaw bl-idejn. Xehed illi marru lejn id-dar ta' Chris, hemm wasal Spiru, waqaf daqsxejn 'il fuq u ghajjat lil Chris biex imur halli jkellmu. Skondtu anke Josephine ghajtet lil Chris. Meta Chris wiegeb illi jekk iridu jmorru

huma, Spriu dawwar, ipparkja fil-genb. Jghid illi fil-karozza kien hemm ukoll Josephine, u spara lejn il-bankina fejn kien hemm Chris. Qal illi malli Spiru hareg mill-karozza, ikkarga s-senter u resaq lejhom bih.

Tania Calleja li wkoll kienet xhud ta’ l-isparatura, xehdet illi fil-karozza rat lil Spiru u l-gharus tieghu Josephine. Ghaddew b’karozza bajda. Xehdet illi kienet tafhom minn hdejn l-iskola. Rat lil Chris imwegga’.

Grace Magro li kienet ukoll ghand Virginia qalet illi fil-ghaxija semghet sparatura. Hareg barra, rat lic-Cece b’arma tan-nar f’idu. Qalet illi ma’ Spiru kien hemm l-gharusa tieghu.

Senjalament dawk kienu x-xhieda okulari li assistew ghall-isparatura. Ix-xhieda l-ohra migjuba kienet fil-konfront ta’ l-ispejjez sofferti minhabba tiri ta’ comb, u esperti mahtura fl-Inkjesta u l-prova tad-Direttur tal-Licenzji (xhud Joseph Abela) li l-vettura misjuqa minn Spiru d’Amato kienet fil-fatt irregistrata fuq Josephine Attard.

Issa l-Artikoli addebitati lill-imputata Josephine Attard huma dawk ta’ griehi ta’ natura gravi u akkuzi fil-konfront ta’ sparar, uzu, garr, u pussess ta’ arma.

Certament u bla dubju Josephine Attard kienet prezenti ghall-isparatura. Almenu tnejn minn nies semghuha tghajjat lil Chris Polidano biex javvicina l-karozza qabel ma Spiru hareg is-senter u spara. Issa r-reati addebitati lil Attard huma dawk ta’ ko-akkuzata, allura b’responsabbiltajiet indaqs bhal ta’ Cece li fil-fatt hareg u spara. Certament ma hemm ebda prova li hi zammet, garret, jew kellha fil-pussess taghha arma tan-nar. Certament ma kinitx hi li sparat. Illi taht l-istitut tal-komplicita’ ma jidhrix illi hi tista’ tikkwalifika taht l-Artikolu 42(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. In kwantu l-vettura misjuqa kienet taghha, pero seta’ jigi argumentat li b’hekk hi ghenet jew assistiet l-awtur, dan pero jrid isir xjentement. Anke din il-prova hija mankanti, dan fil-konfront ta’ l-Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jista’ wiehed ukoll jargumenta l-komplicita’ taghha

ai termini ta' l-Artikolu 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-litigju li nqala' bejn l-imputata u Polidano qabel l-incident. Pero jekk dan it-tixwix huwa aktar probabbli milli possibbli, anke tieghu m'hemmx prova konkreta.

Detto tutto cio', din il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lil Josephine Attard mill-akkuzi migjuba kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------